Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2024
(OR. en)

12285/24
PV CONS 41
AGRI 571
PECHE 293

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(**Agrikoltura** u **Sajd**)

15 ta' Lulju 2024

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 11961/24.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**Lista mhux leġiżlattiva** 12053/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.
Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**3. Programm ta' ħidma tal-Presidenza**
*Preżentazzjoni mill-Presidenza*

Il-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Ungeriża rigward is-setturi tal-Agrikoltura u s-Sajd.

AGRIKOLTURA

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

4. Vijabbiltà ta' żoni rurali – tiġdid ġenerazzjonali u aspetti demografiċi — 12040/24
*Skambju ta' fehmiet*

5. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ — 12156/24
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

**Affarijiet oħra**

**6.** Agrikoltura

a) **Agrikoltura u l-Forestrija Ewropea: is-sinsla ta' UE kompetittiva, sovrana u prospera** 12116/24
*Informazzjoni mill-Awstrija, appoġġata miċ-Ċekja, il-Finlandja, il-Greċja, il-Litwanja, il-Polonja u s-Slovakkja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija kif ukoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

b) **Eżiti tal-Forum Politiku dwar l-Avvanz tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-Qafas tal-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali, is-Sigurtà tas-Sistemi tal-Ikel, u l-Iżvilupp tal-Politika dwar il-Bijomanifattura (Brussell, 4 ta' Lulju 2024)** 12036/24
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar ir-riżultati tal-Forum Politiku dwar l-Avvanz tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-Qafas tal-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali, is-Sigurtà tas-Sistemi tal-Ikel u l-Iżvilupp tal-Politika dwar il-Bijomanifattura, u dik ipprovduta mill-Polonja dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta relatata tal-Ministri għall-Agrikoltura u l-Ministri għar-Riċerka tal-Istati Membri tal-Inizjattiva BIOEAST. Ħa nota wkoll tal-kummenti tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet l-oħra.

c) **Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura u l-Ministri għar-Riċerka tal-Istati Membri tal-Inizjattiva BIOEAST** 12133/24
*Informazzjoni mill-Polonja, f'isem il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja*

Il-punt 6 (c) ġie indirizzat flimkien mal-punt 6 (b).

**d) Titjib meħtieġ fl-armonizzazzjoni tal-kriterji għall-ġestjoni tal-programmi Ewropej għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli** [2] 12153/1/24 REV 1
*Informazzjoni minn Spanja, appoġġata mill-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Polonja u l-Portugall*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja. Ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

---

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

---